## L-ISTAMPA F'MALTA

# L-Ewwel Kotba Stampati f'Malta

*Ta'* ĠUŻE' GATT

*(Jissokta man-numru ta' qabel)*

LADARBA Pompew de Fiore kien hu l-ewwel wieħed li, fl-1642, daħħal l-Istampa f'Malta, hi ħaġa minn ewl id-dinja, li ma setgħu jkunu qatt stampati kotba fi Gżiritna qabel is-sena li semmejna. B'danakollu, Ferdinand de Hellwald, dak li kiteb il-"Bibliographie Methodique de l-Ordre de St. Jean" (1), iġib żewġ kotba, u jgħid li dawn huma stampati f'Malta: wieħed fl-1605 u l-ieħor fl-1633.

Dak ta' l-1605 jismu "Statuti et Ordinazioni dell'Eminentissimo Sig. Gran Maestro Fr. Alofio Wignacourt e suo Venerando Consiglio sugli armamenti"—Malta, 1605. (publ. per Ascanio Surdo).

Iżda t-tagħrif li De Hellwald ġieb dwar dan il-ktieb, ħadu kelma b'kelma, bħalma qalu Toni Schembri fil-ktieb tiegħu, jismu "Selva di Autori e Traduttori Maltesi" (2). Terġa' Schembri sawwar l-għajdun tiegħu minn fuq dak li sab miġjub fil-"Biblioteca Maltese" tal-Qassis u Avukat Dun Naz Saver Mifsud (3).

Dana Mifsud igħid, li l-Istatuti dwar l-Armamenti, kienu midmuma mill-Malti Dr. Ascanio Surdo, fl-1605, u mxandra fil-25 ta' Ġunju u fis-27 ta' Lulju ta' l-imsemmija sena; imbagħad ingħataw għall-istampa f'Malta, u wara reġgħu stampawhom mill-ġdid f'Messina, fl-1658.

Bħalma rajna, billi Schembri qagħad u rabat fuq it-tagħrif li ħalla Mifsud, ħaseb li dal-ktieb stampawh tassew fi Gżiritna, fl-1605. Iżda, minn kif nistgħu naqbdu u nobsru, Mifsud waqa' f'dan il-għelt, minħabba aktarx li f'idejh ġiet biss it-tieni Edizzjoni ta' l-imsemmija Statuti. Ara kemm, Biex dan il-ktieb juri li kien mitbugħ darbtejn, iġib hekk fil-frontispizju tiegħu: "In Malta, ed in Messina, 1658".

Dawk il-kelmiet ta' "In Malta", flimkien mat-tagħrif li wieħed isib f'dan il-ktieb—li l-Istatuti saru u xxandru l-ewwel darba fl-1605—ħassbu u ħawdu sewwa lil Mifsud. Dan safa' milgħub

(1) Rome, Imprimerie Polyglotte de la Propagande. MDCCCLXXXV.
(2) Malta, Tipografia di Paolo Cumbo, 1855.
(3) In Malta, nel Palazzo e Stamperia di S.A.S. 1764.

minnhom, għax bihom fehem li l-Istatuti kienu stampati wkoll f'Malta f'dik is-sena li fiha ntagħmlu.

Mela, nistgħu ngħidu, li b'hekk, u ħtija ta' hekk biss, li tnissel l-imsemmi għelt mill-kittieba, dwar is-sena ta' l-istampar ta' l-Istatuti ta' l-Armamenti. Mill-bqija, ma hemm xejn li xejn minnu, li dawn kienu mitbugħa fi Gżiritna fl-1605 (4).

Il-ktieb l-ieħor imsemmi minn De Hellwald, jismu: "Natali delle Religiose Milizie de' Cavalieri Spedalieri e Templari" ta' Fra Geronimo Marulli. Iżda dan, billi hu dedikat liil-Gran Mastru Laskri, li saltan f'Malta mill-1636 (5) sa l-1657, ma seta' qatt ikun stampat fl-1633, billi f'dis-sena kien għadu Gran Mastru De Paula.

Issa, ladarba wrejna li ma kienx għajdun minnu, meta ntqal li f'Malta kienu stampati xi kotba qabel l-1642, ngħaddu biex nitkellmu dwar dawk li jġibu li kienu mitbugħa hawn wara s-sena li semmejna. M'għandniex x'ingħidu, aħna sa nitħaddtu mill-ftit kotba biss li nafu bihom. Barra dawn li sa nġibu, ħadd m'għandu għax jaħseb li ma hemmx oħrajn ukoll, li ma ġewx f'idejna.

Wara li Pompew de Fiore safa' mgħarraf li qala' s-setgħa mitluba minnu lill-Gran Mastru Laskri, qabbad in-nies miegħu.

---

(4) A. A. Gauci jgħid, fil-kitba tiegħu li semmejna, li l-ktieb ta' l-Istatuti ma seta' jkun qatt mitbugħ fl-1605, għax dawn sara fl-1608. U biex iwieżen kliemu ġieb xhieda li fil-bidu ta' dan il-ktieb hemm: "Die XVII Mensis Junii 1608". M'għandniex x'ingħidu, li kieku dik is-sena kienet minnha, hekk tassew turi li tfisser. Iżda, hawn Gauci kien mgħaġġel wisq, biex qata' ħesrem hekk. Li fela l-ktieb tajjeb, kien jintebaħ malajr li dawn saru fl-1605, u mhux fl-1608, bħalma ħaseb hu. Fl-aħħar tal-ktieb kien isib li l-Istatuti kienu moqrija u mxandra fil-25 ta' Gunju u fis-27 ta' Lulju, 1605, f'bosta mkejjen, kif hekk id-drawwa ta' dik il-ħabta.

Jidher ukoll li dawn kienu mhejjija minn kollox u midmuma fl-1605, mill-volumi 101 u 210 li jinsabu fl-Arkivju ta' l-Ordni.

Mela, is-sena 1608, li qarnqet b'Gauci, fil-ktieb qiegħda b'għelt ta' l-istampa. Għalhekk, l-Istatuti ma setgħux jisfgħu stampati f'Malta, fl-1605, mhux għax dawn saru f'xi sena oħra, iżda għax Gżiritna, f'dak iż-żmien, kienet għadha ma kisbet ebda Stamperija fi ħdanha.

(5) Kemm fil-"Malta" tal-11 ta' Gunju, 1937, kemm fl-"Archivio Storico di Malta", Gauci qal li Laskri sar Gran Mastru ta' l-Ordni fl-1635. Iżda hawn ma jaqbel xejn mas-sewwa, billi dan laħaq isaltan fi Gżiritna fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1636. U dan, barra milli jidher mill-kotba ta' l-Ordni, jinsab ukoll minqux fil-Monument ta' Laskri li hemm f'S. Gwann.

Madankollu, mhux Gauci waħdu biss waqa' f'dan il-għelt. Hemm kittieba oħra wkoll li ġralhom bħalu, fil-kitba tagħhom, dwar l-imsemmi Gran Mastru.

U meta wasal hawn l-Istampatur Marju Villari, beda jħaddem malajr l-Istamperija tiegħu.

L-ewwel xogħol li ħareġ mill-Istamperija ta' De Fiore, kienu żewġ folji b'xi konklużjonijiet (ta' Teoloġija?) fihom. Dawn ma ġewx f'idejna; sibniehom, iżda, jissemmew biss. B'danakollu, billi dil-biċċa għandha x'taqsam ħafna ma' ħaġ'oħra, nerġgħu nsemmuha fit-Taqsima ta' wara din, fejn biħsiebna nagħtu wkoll dwarha xi tagħrif iżjed.

Fil-kotba li bdew joħorġu, wieħed la jsib l-isem ta' sid l-Istamperija—Pompew de Fiore—anqas isem l-Istampatur tagħha—Marju Villari. Iżda, fil-frontispizju tagħhom, taħt l-isem tal-ktieb, kienu jġibu dan biss: "In Malta", flimkien mas-sena li ħarġu fiha, u li ħarġu "Con licenza (jew permesso) dei Superiori".

Fost l-ewlenin kotba li Pompew stampa, insibu wieħed, li fid-daqs tiegħu, ma kienx ħażin. Ħareġ fl-1643. Dan hu dak il-ktieb ta' Geronimo Marulli li, b'għelt, intqal li kien mitbugħ fl-1633, u li iżjed 'il fuq tkellimna ħafna dwaru.

Ieħor mill-bikrin kotba li huma stampati f'Malta, iġib li hu mitbugħ fis-7 ta' Novembru, 1644. Jitħaddet dwar dik it-taqtiegħa li kellhom ix-xwieni ta' Malta mat-Torok, f'Settembru tal-1644, fejn, wieħed mill-irsiera li nqabdu mill-Maltin, iridu jgħidu li kien bin is-Sultan tat-Turkija ta' dik il-ħabta. Maż-żmien, dan l-irsir tgħammed u daħal fl-Ordni Dumnikan, fejn ħa l-isem ta' Patri Osman ta' San Tumas.

L-imsemmi ktieb iġib hekk: "Relazione del Sanguinoso Combattimento e Presa d'un Galeone e d'un Pinco de' Turchi, fatti dalle Galere di Malta alla Crociere di Rodi, il di 28 Settembre 1644".

Barra milli dal-ktieb iġib li ħareġ "In Malta" u "Con licenza de' Superiori", bħal sħabu l-oħrajn mitbugħa hawn, fl-Arkivju ta' l-Ordni, fil-vol. 1422, hemm ittri tal-Gran Mastru Laskri, fejn itarrfu wkoll li dal-ktieb hu stampat f'Malta (6).

Fil Manuskritt tal-Bibljoteka għadd 672, paġ. 8, hemm Bolla tal-Papa Innoċenzju X, mogħtija lill-Ordni. B'din il-Bolla, l-Ordni qala' s-setgħa li jista' jagħmel xi taxxa, biex jissuktaw fil-ħidma tas-swar, għall-ħarsien ta' Malta mit-theddid tat-Torok.

Dil-Bolla ma ġġib xejn fejn hi stampata. Iżda, billi t-tipi

(6) Ktieb minn dawn jinsab il-Bibljoteka, fl-Arkivju ta' l-Ordni, fil-vol. 1769, paġ. 93. Ieħor bħalu qiegħed fil-Mixxellanja wkoll ta' l-Ordni.

tagħha jagħtu lemħa sewwa u jixbħu ħafna lit-tipi tas-Sunetti li hemm fil-ktieb li semmejna ta' Marulli, naħsbu li din aktarx iva. milli le, li hi mitbugħa wkoll f'Malta, fl-1645.

Fl-1647 safa' mitbugħ ktieb li qanqal ħafna għajdun fil-batal. Irridu ngħidu għal dak il-ktieb li, minħabba ħsieb qarrieqi, xi wħud mill-kittieba waslu biex igħidu, li dan kien stampat hawn, fl-1605, fil-ħin li mhux minnu, kif fissirna iżjed lura. L-isem tiegħu hu : "Statuti et Ordinationi dell'Eminentissimo Gran Maestro Wignacourt e suo Venerando Consiglio sopra gl'armamenti. Dati in luce per ordine dell'Illustrissimi Signori Presidente e Commissarij del Magistrato di detta armamento". Iġib ukoll : "In Malta. 1647. Con licenza de' Superiori."

Dal-ktieb hu dedikat lill-Gran Mastru Laskri mill-erba' Kummissarji li kienu maħtura mill-Kunsill ta' l-Ordni, fl-1647, biex jeġġħu jaraw u jiflu sewwa mill-ġdid, l-imsemmija Statuti, qabel ma jgħadduhom għall-istampa (7).

Fl-1647 u fl-1648 deħru tliet kotba li, b'dak li jtarrfu huma, iqallbu u jħawdu ħafna l-imħuħ, billi dawn iġibu li huma stampati : "In Malta. Per Paolo Bonacota".

Għedna li l-isem ta' Bonacota jfixkilna mhux bil-ftit, minsub hekk f'nofs it-triq tal-ġrajja tagħna. Ara kemm. Minn dokumenti li ltqajna magħhom, u li darba kienu ta' l-Ordni, jidher sewwa, u bid-dieher, li Stamperija dik il-waħda ta' Pompew de Fiore biss kien hawn. Mela, nistaqsu aħna, minn fejn nibet u feġġ dan l-imbierek, biex ma ngħidux fergħun, ta' Pawlu Bonacota, li fettillu jiddeffes fil-qasam ta' l-Istampa f'Malta?

Għal din il-mistoqsija li għamilna, ma niksbu xejn li xejn utieq f'idejna, biex fuqu nistgħu nsejsu u nibnu t-tweġiba tagħna. B'danakollu, għalkemm ma għandna ebda ħaġa li tagħmel tajjeb għal dan, sa nġarrbu ntarrfu kif Bonacota seta daħal fi ġrajjietna. Iżda jekk ma jirnexxilniex li naslu fit-twettiq ta' ħsiebna, il-ħtija ma tkunx tagħna, imma biss ta' dak l-istar ta' duħħan sewdieni li qed jiksi u jgħatti għal kollox din il-biċċa.

Billi, bħalma għedna kemm-il darba, Stamperija waħda biss kien hawn, jista' jkun li Bonacota daħal bħala Stampatur ma' De Fiore, u beda jġib ismu f'dawk il-kotba li joħorġu. Iżda, nerġġħu ftit iżjed lura, lil Marju Villari ma sibniehx li telaq minn hawn. Biex naraw insibux tarf ta' din l-imħabbla kobba, qallibna l-Ar-

(7) Fl-Arkivju ta' l-Ordni, fil-vol. 210, paġ. 245, hemm wieħed minn dawn il-kotba.

kivju ta' l-Ordni u dak tal-Qorti, fejn hemm imniżżla l-ismijiet ta' dawk li ħadu l-passaporti, dari msejħa "patenti" u "salvakondotti", iżda Marju Villari mhux imsemmi fost dawk li siefru minn Għiritna. Għalhekk dan iġagħalna nobsru żewġ ħwejjeġ dwar Villari: jew dan baqa' Malta, u hawn jiġi jfisser li mhux tassew li Bonacota daħal ma' Pompew floku; inkella Villari miet hawn, u Bonacota laħaq Stampatur warajh.

Hemm ħaġ'oħra wkoll li turi kif Bonacota seta' ndehes ma' ġrajjietna—dik li ħa l-Istamperija bi twellija mingħand De Fiore, u beda jġib ismu bħala s-sid tagħha. Iżda din nistgħu nwarrbuha fil-ġenb għal darba, minħabba dan li sa ngħidu. Fiż-żmien li nsibu isem Bonacota mitbugħ fil-kotba tas-snin li semmejna, inqalgħet tilwima għas-sħiħ, bejn il-Gran Mastru u Ruma, dwar l-Istampa f'Malta. Dil-ġlieda għandha tagħtina x'naħsbu, li Bonacota ma kienx irid joħroġ kemxa flus ġmielha, f'waqt hekk ikrah, għax-xiri ta' l-Istamperija, biex wara aktarx li jista' jibqa' jċejjaq, li jitħalla bil-palik.

Terġa', dik li Bonacota ma kien Stampatur fi Għiritna xejn, ma nidux inbarruha għal kollox, billi din ma kenitx xi ħaġa kbira anqas ukoll f'dak iż-żmien. Għax dari kienet drawwa, imwettqa ħafna ta' sikwit, li wiċċ il-ktieb jagħmluh juri ħaġa b'oħra. U b'hekk iqarrqu b'dak li jkun, billi l-ktieb tagħhom igħadduh bħala li hu stampat f'dak l-imkien imsemmi minnhom, fil-ħin li dan ma jkun xejn tassew.

Ma' dawn il-ħwejjeġ li semmejna, aktarx issib ukoll min jaħseb, li Bonacota seta' kien xi qarib ta' Pompew, u meta dan miet, l-Istamperija waqgħet f'idejh. Iżda dil-biċċa ma seħħitx, billi Pompew, kif jidher mill-kotba ta' l-Ordni, kien għadu ħaj, jieħu ħsieb l-Ifran għal xi snin wara l-1650 ukoll.

Madankollu, kienet x'kienet sewwa l-biċċa ta' Bonacota, ladarba ma għandna xejn ta' siwi li jwaqqa' dak li jtarrfu l-kotba tiegħu, dawn sa nġibuhom ma' dawk il-kotba l-oħra li jgħidu li huma mitbugħa f'Malta. U dan sa nagħmluh bil-ħsieb u t-tama dejjem li, 'il quddiem, għad jistgħu jinsabu xi dokumenti oħra, fejn jitfgħu dawl aktar dwar din il-biċċa.

Wieħed mit-tliet kotba li jġibu li huma stampati f'Malta minn Bonacota, u li hu l-aktar ta' siwi fosthom, ħareġ fl-1647. Miktub mill-Kmandatur ta' l-Ordni, Ġanfranġisk Abela, Malti. Jismu: "Malta Illustrata, osia descrizione di Malta, Isola nel mare Siciliano, con le sue antichità, ed altre notizie".

Dal-ktieb, li kien dedikat lill-Gran Mastru Laskri, ħareġ f'daqs kbir ħafna, b'537 paġna, barra minn Indiċi magħmul alfabetikament (8).

Iż-żewġ kotba l-oħra, li ħarġu minn għand Bonacota, it-tnejn huma miktuba wkoll minn Maltin. Wieħed ħareġ fl-1647 u l-ieħor fl-1648. Ta' l-ewwel kien jismu : "Elogio del Commendatore Fra Rinaldo Bech La Buissere Cavaliere Gerosolimitano, del Commendatore Fra Fabritio Cagliola, Dottore e Religioso dell'istesso Ordine". L-ieħor : "L'Ismeria, ossia Allegrezza della Francia nei stupori dell'Egitto, del Commendatore Fra Carlo Michallef" (9).

Barra t-tliet kotba li hawn fuq semmejna, ma hu magħruf li jinsab xejn aktar li jġib li hu mitbugħ taħt il-ħsieb ta' Bonacota. Minn hekk nieħdu, li, l-ħidma ta' dan l-Istampatur, ma dametx tul ta' żmien wisq issaddad u ssaltan fi Gżiritna. Dik tiegħu kienet ħajja ta' qasir il-għomor ħafna fostna, jekk, kemm-il-darba, nerġgħu ntennu, hu minnu li l-kotba, li fihom ismu, huma tassew stampati f'Malta.

Mill-kotba li ħarġu wara l-1648 nieħdu li dawn waqgħu mill-ġdid għad-drawwa ta' qabel, billi reġgħu bdew ikun fihom biss hekk : "In Malta", is-sena li ħarġu fiha u l-"Con permesso de' Superiori", bla ma jsemmi xejn aktar l-isem ta' xi Stampatur.

L-ewwel wieħed minn dawn il-kotba li semmejna, ħareġ fl-1649. B'kollox kien fih 26 paġna ta' daqs in 8vo. Il-kittieb tiegħu huwa Fra Don Juan de Galdiano, u jismu : "Relatione della festa celebrata in Malta ad honore di Santo Saverio Apostolo dell'Indie, drizzata all'Illustrissimo Conte Xavier" (10).

Biex niltaqgħu ma' xi ħaġa oħra ġdida li kienet tgħid li hi mitbugħa f'Malta, riedu jgħaddu ta' mill-inqas, erba' snin minn fuq Gżiritna. Dawn huma erba' paġni kbar. Itarrfu fuq il-għoti tal-Gżejjer ta' San Kristofru lill-Ordni—għoti li sar mir-Re Dovik ta' Franza, f'Marzu ta' l-1653. Barra minn hekk, hemm fihom

(8) Il-ktieb ta' Abela ntogħġob ħafna. Mhux hawn Malta biss, imma barra wkoll. Fl-1660 safa' maqlub għal-Latin, fil-qasir, minn Niderstet, u mitbugħ taħt l-isem ta' "Melita vetus et nova". Tinsab fit-"Teżor ta' Gronovio", fil-volum VI. Fl-1725, Galanton Seinero, minn Lejda, qalibha fil-Latin, kelma b'kelma. Tinsab fit-"Teżor ta' Pietru Burmanno", fil-volum XV.

(9) "L'Ismeria" ta' Micallef, kif insibu fis-"Selva" ta' Schembri, stampawha darbtejn oħra wkoll barra minn Malta—f'Ruma u f'Viterbo.

(10) Jinsab fil-għadd 185 tal-Misc. tal-Bibljoteka.

ukoll żewġ ittri ta' dan ir-Re : waħda lill-Gran Mastru Laskri, u l-oħra lill-Kunsill ta' l-Ordni, dwar dan il-għoti, miktuba f'April ta' l-imsemmija sena.

Dawn l-erba' paġni ħarġu taħt l-isem ta' "Regio Diploma della concessione fatta dal Re Cristianissimo di Francia hoggi regnante alla Sacra Religione Geros.o dell'Isoa di S. Cristofaro, e d'altre a lei adjacenti nell'America. Trasportato dal Francese in Italiano" (11).

Wara dan insibu ktieb ieħor li jġib li hu mitbugħ f'Malta, jismu : "Breve Relatione della Vittoria ottenuta alli 26 di Giugno 1656 dell'Armata Cristiana contro la Turchesca" (12).

Billi dan il-ktieb, li hawn fuq semmejna, hu l-aktar wieħed imwaħħar, fl-istampar tiegħu, mis-sensiela ta' l-oħrajn sħabu li ġew f'idejna, bih sa nagħalqu d-damma ta' dawk l-ewwel kotba li jġibu u jgħidu li huma stampati fil-maħbuba u għażiża Artna— kotba li baqgħu ħajjin, qawwija u sħaħ, biex setgħu jwasslu, ukoll sa fi żmienna, it-tifkira ta' l-ewwel Stamperija li fi Gżiritna kell-na. Għalhekk ikollna naħsbu, li wara l-1656, l-Istampa f'Malta ma damitx wisq li ma spiċċatx, sefgħet fix-xejn. Terġa', jissokta wkoll iwettaqna u jħaqqaqna f'dan il-ħsieb, il-ktieb ta' dawk l-Istatuti li saru fl-1605, u li aħna semmejna kemm-il darba ma' tul din il-kitba tagħna. Dal-ktieb fl-1658, reġa' kien stampat mill-ġdid. Iżda, did-darba, flok f'Malta, tebgħuh f'Messina. U bħalma għedna iżjed lura, biex juru li, barra minn hemm, kien stampat darba oħra hawn ukoll, għamluh iġib hekk : "In Malta, ed in Messina".

Mela, li kieku fl-1658 kien għad fadal l-iċken ħjiel ta' xi Stampa f'Malta, ma kinux jibagħtu dal-ktieb f'Messina, biex, milli jonfqu aktar fih, kienu jitilfu ħafna żmien u xogħol sakemm imur u jiġi lura mhejji minn kollox; iżda kienu jeħilsu ħafif u b'orħos, billi jistampawh f'Malta, bħalma hekk għamlu fl-1647.

Minn dan li għedna, nieħdu, norbtu u ngħaqqdu, li sa l-1658, jidher sewwa li l-Istampa nqerdet u ntemmet għal kollox minn hawn, bi kbir għajb u bi ħsara xejn inqas ukoll kbira, għal Gżirit-na. Iżda, dwar x'kienet il-ħtija ta' dan kollu, biħsiebna ngħiduh u nitħaddtu fit-tul fuqha fit-Taqsima ta' wara din.

*(Jissokta)*

(11) Jinsab il-Bibljoteka, fil-għadd 647 tal-Manuskritti.
(12) Jinsab fl-Arkivju ta' l-Ordni, vol. 1769, paġ. 288.